MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2009

Talba Numru. 783/2008

**Gutenberg Press Limited (C-8936)**

**Vs**

**Susan Chalbi (I.D. 415055M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 ta’ Ottubru 2008, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s- somma ta’ tlett elef mitejn tnejn u hamsin Euro u sebgha u disghin centezmu (€3,252.97), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Ra n-nota ta’ riduzzjoni tas-socjeta` attrici pprezentata fil-5 ta’ Dicembru 2008 li permezz taghha rriduciet l-ammont dovut originali ghal elfejn mija u tnejn u hamsin Euro u

sebgha u disghin centezmu (€2,152.97) stante pagament parzjali maghmul mill-konvenuta fil-mori ta' din il-kawza.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tal-4 ta' Frar 2009, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma kif ridotta ta' elfejn mija u tnejn u hamsin Euro u sebgha u disghin centezmu (€2,152.97), bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta, kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------